**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 6 ta' Marzu 2018**

**Kumpilazzjoni numru 884/2010**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sergio Pisani)**

**vs**

**Joseph Debono**
**(ID: 494957M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Joseph Debono** talli fit-2 ta' Awwissu 2010 ghall-habta ta' 12.15p.m. fi Triq il-Marsa:

1. Volontarjament bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni sabiex jikkaguna feriti fuq il-persuna ta' PC 1091 K. Camilleri bhala membru tal-Korp tal-Pulizija, liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu;

2. U aktar talli fl-istess lok data u hin u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuna nkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku

filwaqt li kien jagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skont il-ligi mill-awtorita' kompetenti u cioe` fuq il-persuna tal-istess membru tal-Korp tal-Pulizija msemmija, u cioe` PC 1091 K. Camilleri;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija jew ma halliex jew fixkel waqt li kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod bla jedd indahal fl-istess dmirijiet billi ma halliex lill-membru tal-Korp tal-Pulizija jaghmel dak li b'ligi kien ordnat li jaghmel u billi hassar jew gab fix-xejn dak li l-membru tal-Korp tal-Pulizija bhala awtorita` kien ghamel;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura nru. LCN-675 b'manjiera perikoluza u negligenti;

5. U aktar irrifjuta li jaghti jew ta falz lil ufficjal pubbliku jew lil wiehed iehor li jkun inkarigat minn servizz pubbliku waqt li jkun jaghmel id-dmirijiet tieghu, ismu, kunjomu, fejn joqghod u partikolaritajiet ohra.

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija tiskwalifika lill-imputat ghall-perjodu ta' zmien li jidhrilha xieraq minn kull licenzja tas-sewqan.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti permezz ta' digriet tal-Prim'Imhallef tas-26 ta' Ottubru 2018 wara li l-kawza kienet thalliet *sine die* fl-14 ta' April 2011 fuq talba tal-partijiet;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali;

Rat illi fis-seduta tal-lum id-difiza eccepiet illi l-azzjoni hija preskritta bid-dekors ta' tliet xhur, sentejn u hames snin;

Rat l-atti tal-kawza minn fejn jirrizulta illi l-ahhar li deher l-imputat kien ghas-seduta tal-14 ta' April 2011;

Ghaldaqstant, il-Qorti qieghda tiddikjara li l-ewwel u t-tieni imputazzjoni huma preskritti bid-dekors ta' hames snin ai termini tal-artikolu 688 (d) tal-Kodici Kriminali filwaqt li t-tielet u l-hames imputazzjoni huma preskritti bid-dekors ta' tliet xhur ai termini tal-artikolu 688 (f) tal-Kodici Kriminali u r-raba'

imputazzjoni hija preskritta bid-dekors ta’ sentejn ai termini tal-artikolu 688 (e) tal-Kodici Kriminali u ghalhekk tillibera lill-imputat minn kull piena u imputazzjoni.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur